# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 3 9 7

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 3272/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Mark Muscat**

**vs**

**HSBC Bank Malta plc**

**dwar allegazzjoni ta' diskriminazzjoni dwar il-prattika applikata mill-Bank fil-konfront tar-rikorrent ta' kif tigi deciza z-zieda fil-paga**

Illum 9 ta' Gunju 2015

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors ta' Mark Muscat tramite l-avukat Dottor Pawlu Lia pprezentat fir-Registru tal-Qorti fit-18 ta' Lulju 2014.

Preliminari

Permezz ta' din id-Decizjoni qed tigi trattata eccezzjoni ta' inkompetenza ta' dan it-Tribunal li jisma l-ilmenti tar-rikorrent, sew in linea mal-eccezzjoni preliminari moghtija fis-sens li **t-Tribunal "m'ghandux kompetenza sabiex jaghmel dikjarazzjoni generali dwar il-mekkanizmu ta' awment tal-pagi adottat mill-bank**," kif ukoll inkompetenza a bazi ta' principju li **individwu ma jistax iqajjem kaz ta' diskriminazzjoni fl-applikazzjoni tas-sistema stabbilita imma biss diskriminazzjoni fil-konfront tieghu personali**. Fil-waqt li l-ewwel parti tal-eccezzjoni ta' inkompetenza tqajmet b'mod iskritt fir-Risposta tal-Bank intimat, it-tieni parti tal-eccezzjoni giet estiza wara li spjega

l-ilment tieghu ir-rikorrent. Ir-rikorrent ippuntwalizza li din l-eccezzjoni kellha titqajjem *in limine litis*, pero` dan it-Tribunal jirreferi ghall-eccezzjoni skritta imqajma mill-bidu nett mill-intimat li "*fid-dikjarazzjoni tieghu ir-rikorrent ma jghidx liem artikolu fil-ligi il-bank qieghed allegatament jikser, u ghalhekk il-Bank intimat qed jirriserva d-dritt li jaghmel dikjarazzjoni addizzjanali wara li jsir jaf il-bazi legali li fuqha r-rikorrent qed jibbaza l-argumenti tieghu*;". Ghalhekk dan it-Tribunal qieghed minn issa jiddikjara li din l-eccezzjoni tal-inkompetenza kif estiza hija regolari u se tigi hawn deciza.

<u>L-ilment tar-Rikorrent – fil-qosor.</u>

Ir-Rikorrent xhed u spjega li huwa kien ilu 12-il sena jahdem mal-bank intimat bhala Private Clients Manager, pero ilu aktar minn sentejn sospiz u ma jmurx ghax-xoghol. Xogholu huwa li jaghti pariri lill-klienti tal-bank dwar jekk jinvestux gidhom, u fil-kaz x'tip ta' investiment jghodd ghalihom. Jghid li kien hemm skema li bis-sahha taghha kien jinghata *performance bonus* li jvarja skond kemm jirnexxilu iwassal klienti li jinvestu. Jghid li huwa kien ukoll Chariman tal-Kumitat tal-MUBE (Malta Union of Bank Employees) u jaf li fl-2012 il-Bank ried jaghmel ristrutturar. Kien hemm tilwima bejn l-Union u l-Bank u wara incident personali li fih kien involut hu, huwa gie sospiz u dwar dan hemm kawza civili. Pero` fil-frattemp l-Union regghet bdiet in-negozjati mal-Bank fl-assenza tieghu, u dawn waslu ghal ftehim fl-2014. Sar ftehim kollettiv gdid, pero` dan ma giex iffirmat; minflok il-Bank arbitrarjament hadem Sistema ta' Matrix li bih inholoq "pay-pot" li jitqassam lill-impjegati kollha, skond workings partikolari li nzammu sigrieta mill-haddiema.

Ir-rikorrent jghid li huwa talab kemm –il darba biex jigi infurmat dwar dawn il-workings izda ma inghatawlux. Pero` huwa seta' jinnota li huwa gie pregudikat ghaliex il-pagi huma kkalkolati li joghlew minn zmien ghal zmien b'mod li mhux proporzjonat mal-paga tal-individwu. Ir-rikorrent ressaq procedura ta' *grievance* a bazi ta' ksur tal-principju tal-meritokrazija. Jghid li anzi kien

hemm qbil provizorju li *s-salary ranges* ma kellhomx jinbidlu sa ma jkun hemm qbil fuq *salary ranges* godda, pero` imbaghad il-Bank ghamel fattih.

Jghid li b'din is-sistema l-gdida ta' *workings* li l-bank introduca fl-2014, qed jirrizulta li l-impjegati li qeghdin fis-sezzjonijiet tal-Wealth Management, bhala ma hu r-rikorrent, jiehdu zieda fis-salarju li jinhadem fuq percentwal tal-paga prezenti. Pero', skond ir-rikorrent, din l-hekk imsejha "Matrix" ta' *workings* introdotta tahdem b'mod li aktar ma jkollok paga gholja, il-percentwal ta' zieda fil-paga tkun iktar baxxa. Jghid li din is-sistema mhux biss qed tkun diskriminatorja fil-konfront tieghu ghaliex hu ghandu paga oghola minn ta' ohrajn, imma anke tikser il-principju enuncjat fil-Ftehim Kollettiv li, ghalkemm skada, ghadu operattiv, u li bi qbil bejn il-partijiet jghid "the principle of meritocracy is fundamental to and underlies the human resources policies and procedures of the Bank." (klawsola 1.c.)

Skond ir-rikorrent dan il-principju qed jinkiser ghaliex aktar ma jkollok paga gholja (u din tkun gholja ghax tkun ahjar minn ohrajn jew ghax tahdem izjed), anqas ma imbaghad ikollok zieda, f'termini ta' percentwali. Jghid li din is-sistema tolqot hazin lil kull min ghandu paga oghola minn ta' ohrajn, izda hafna minn dawk milquta ghazlu li ma jilmentawx ghaliex min qabilhom ilmenta gie "*locked-out*" bla paga ghal sitt xhur.

Ir-rikorrent jghid li ressaq tliet *grevances*, u f'Gunju 2014 il-Bank accettalu tnejn bhala ammissibbli, u minkejja li imbaghad instab li verament kien hemm ksur tal-Ftehim Kollettiv, il-Bank xorta ddecieda li jhalli kollox l-istess ghax ir-rizultat finali huwa gust u ghandu jibqa'.

Il-Human Resources Manager Karen Farrugia spjegat kif iz-zidiet fil-pagi kienu jinhadmu fuq *pay-pot* li skond kif ikun sejjer il-bank finanzjarjament jigi stabbilit percentwal tal-pagi kollha f'daqqa. Skond ir-rizultati finanzjarji tal-2013, f'Marzu 2014 inhadem *pay-pot* ta' 2.5%, u wara dan inhadmet Matrix gdida biex tistabbilixxi kif ammont ekwivalenti ghal l-2.5% tal-pagi kollha

mehudha flimkien jitqassam bejn il-haddiema. Igifieri l-pagi mehuda flimkien kienu ser joghlew 2.5%, pero` individwalment il-haddiema kien ser ikun hemm min jircievi izjed minn 2.5% u kien ser ikun hemm min jircievi inqas minn 2.5%. Il-Bank jistabbilixxi "internal median" ghal kull kategorija ta' haddiema; biex il-hlasijiet ta' dik il-kategorija jingiebu qrib ta' xulxin, min ikun hafna inqas minn dan il-median jiehu zieda oghola minn min ikollu salarju aktar ogholi minn dan il-median jiehu inqas. Pero` tali zieda tigi kkalkolata ukoll mal-*performance* tal-individwu, li aktar ma jahdem u jaghmel xoghol tajjeb is-superjuri tieghu jaghtuh *performance rating* ahjar. Finalment din ix-xhud ikkonfermat li meta ghandek zewg impjegati b'*performance rating* ugwali, min ghandu paga iktar baxxa kien ser jinghata percentwal ta' zieda oghola.

<u>Kunsiderazzjonijiet</u>

L-abbli avukat tal-Bank intimat jispjega li l-eccezzjoni tal-kompetenza tohrog fl-ewwel lok mill-fatt li r-rikorrent mhux iqajjem kaz ta' diskriminazzjoni kontrih personali, imma li s-sistema tal-Matrix hija minnha nfisha diskriminatorja, u anzi tmur kontra l-principju tal-meritokrazija. Jghid li se mai dan seta' kien kaz li jitressaq minn Union in kwantu jmur kontra l-principju tal-meritokrazija li kien stabbilit fil-Ftehim Kollettiv, pero` individwu m'ghandux *locus standi*. Isostni li l-kaz huwa ppernjat fuq ilment kollettiv kontra s-sistema adoperata mill-bank in kwantu jikser il-Ftehim Kollettiv, u ghalhekk ir-rimedju kien biss f'idejn Union li tiftah Trade Dispute.

L-abbli avukat tar-rikorrent jispjega li l-ilment tar-rikorrent huwa bazat fuq Artikolu 26(1)(b) tal-Att 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprojbixxi trattament diskriminatorju bejn haddiema fil-kondizzjonijiet tax-xoghol taghhom. Issa jekk jinkiser il-Ftehim Kollettiv, jista' jaghti l-kaz li tali ksur ikun qed jaffettwa l-kondizzjoni tal-impieg tal-individwu, u f'dak il-kaz l-individwu ghandu l-fakulta li jressaq l-ilment quddiem it-Tribunal b'mod individwali.

Bazikament ir-Rikorrent qed jilmenta minn Sistema dikriminatorja, li skond hu laqtet lilu personalment negattivament. Huwa minnu li r-Rikorrent donnu

kultant jitkellem f'ismu personali u kultant jilbes il-kappell ta' rapprezentant tal-MUBE, u forsi f'certi istanzi ghandu tendenza jaqbad it-triq li suppost jaqbdu l-unions, pero' dan it-Tribunal irid jara jekk fuq bazi personali jistax ikun hemm kaz ta' diskriminazzjoni ai termini tal-Artikolu 26 jew Artikolu 27 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Jekk iva, allura l-kaz ikun irid ikompli jinstema u dan it-Tribunal ikollu gurisdizzjoni jisimghu u jiddecidih ai termini tal-Artikolu 30 tal-istess Att.

Skond kif gie spjegat mill-Human Resources Manager, jista' jaghti l-kaz li zewg impjegati dahlu jahdmu mal-Bank fl-istess jum u fl-istess kariga, izda maz-zmien dawn ikollhom pagi differenti ghaliex ikollhom performance ratings differenti: min ikollu performance ahjar ikollu zieda oghola fil-paga. Fuq dan jidher li mhemmx kontestazzjonijiet. Pero` bis-sistema introdotta fl-2014, jekk dawn iz-zewg individwi f'din is-sena ikollhom performance rating ugwali, maz-zieda li jmiss dak li ghandu paga baxxa (ghax fil-passat kellu performance inqas tajba) issa ser ikollu zieda oghola minn ta' siehbu li ghandu paga ftit oghola minn tieghu. Fi kliem iehor ir-rikorrent qed jilmenta li f'kaz ta' pagi diversi minhabba ragunijiet gustifikati fil-ligi, iz-zidiet relattivi mhumiex ugwali, anzi addirittura bil-kontra tal-meritokrazija, u ghalhekk qed tinholoq diskriminazzjoni din id-darba mhux gustifikata mill-ligi. Ir-rikorrent ghadu ma gabx provi konkreti li huwa gie diskriminat fl-ghoti ta' dawn iz-zidiet, pero` dan ikun il-mertu tal-kaz. Li huwa importanti hu jekk ir-rikorrent huwiex jilmenta minn diskriminazzjoni fil-konfront tieghu personali: jekk wiehed jara l-ewwel talba tar-rikorrent, din tirreferi ghal "prattika applikata mill-bank fil-konfront tal-esponenti…". Anke meta xhed, ir-rikorrent insista li hu gie diskriminat personalment.

Mill-banda l-ohra, dan it-Tribnunal jaqbel li t-tieni talba hija aktar generika u titlob li jigi dikjarat li hemm ksur tal-Ftehim Kollettiv. Hawnhekk it-Tribunal jaqbel li dan l-ilment ma jaqax fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal, u ghalhekk mhux ser ikun qed jiddeciedi tali talba fil-mertu. It-tielet talba hija intiza li taghti rimedju kemm ghall-ewwel talba kif ukoll ghat-tieni; in kwantu l-ewwel

talba ser tkompli tinstema, allura t-tielet talba tkun trid tigi deciza ukoll, kif del resto ghandha tigi deciza 'il quddiem anke ir-raba' talba.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jiddikjara li fil-waqt li mhux kompetenti jiddeciedi t-tieni talba tar-rikorrent, dan it-Tribunal huwa kompetenti jisma' l-ewwel, it-tielet u r-raba' talbiet, u jiddecidihom. Ghalhekk qed jigi ordnat il-prosegwiment tas-smiegh tal-kaz fuq il-mertu, limitatament skond din id-decizjoni.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman